MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 115/2002

**Mario Micallef**

**vs**

**Roanna Refalo**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ill fis-sitta (6) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) waqt li l-attur kien qed isuq vettura bin-numru ta’ registrazjoni CAD-464 fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, huwa kien involut f’incident stradali ma’ vettura tal-marka bin-numru ta’ registrazjoni ROO-279 misjuqa mill-konvenuta.

Illi dan l-incident sehh minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan da parti tal-konvenuta.

Illi d-danni sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal erba' mija u sitta u erbghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm446.23) rapprezentanti hlas ghal tiswijiet komprizi parts, xoghol u spray.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi, l-konvenuta naqset li tersaq ghal likwidazjoni u hlas tad-danni kollha sofferti minnu konsegwenza ta' tali incident.

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas dan il-bilanc flimkien ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra interpellatorja spedita fis-16 ta' Awissu 2002 u tal-ittri ufficjali wahda pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u l-ohra pprezentata f'Settembru 2002."

Ra r-risposta:

"Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija tal-attur, illi b'manjiera traskurata, u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku invada il-karreggjata illi matula kienet ghaddejja l-esponenti.  Infatti, kif sejjer anke jigi pruvat waqt it-trattazzjoni fil-mument tal-incident l-esponenti kienet interament fuq in-naha proprja tat-triq, u il-vettura taghha imxiet lejn il-lemin biss wara li mal-habta tqacctet ir-rota ta' quddiem tal-vettura b'mod illi l-esponenti ma kien ghad fadlilha kontroll tal-vettura.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, imbaghad, l-ammont ta' danni reklamati mill-attur huwa esagerata ghall-ahhar stante illi l-ammont ta' danni realment sofferti minnu huwa ferm anqas minn dak mitlub.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi l-partijiet ipprezentaw verzjonijiet konfliggenti dwar l-incident: il-konvenuta qalet li rat lill-attur baqa' gej isuq ghal fuqha, filwaqt li l-attur jghid li qabel il-habta kien stazzjonarju wara karozza pparkjata li pero' jghid li tnehhiet qabel sar l-iskizz; u illi l-konvenuta ma kinitx attenta fis-sewqan billi kienet qed ixxejjer lil certa Benna Custo' li kienet ghaddejja fuq il-bankina.

Illi in vista ta' dawn il-verzjonijiet konfliggenti, it-Tribunal ikollu jistrieh fuq l-iskizz u rapport tas-surgent: kif intqal fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ***Carmel Camilleri vs Leone Pillow*** moghtija fis-7 t'Ottubru 1997, is-surgent li jikkonduci l-investigazzjoni *huwa recorder tar*-res gestae *u hu fid-dover tieghu qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti rilevanti kif jirrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz tal-okkorrenza.* U kif ziedet tghid il-Qorti tal-Appell, sede Inferjuri (Malta) in re ***Stefan Bonello vs Carmelo sive Charles Abela – 21 Ottubru 2002:*** *Dan ifisser li meta l-iskizz ikun maghmul b'mod professjonali ghandu jittiehed li jaghmel prova ta' dak li juri.*

Mill-iskizz jirrizulta li l-incident kien ipprovokat min-naha tal-konvenuta li zzomm *a proper look-out* u baqghet diehla fil-karreggjata tal-attur, minkejja li kellha wisa' imnejn tghaddi fil-karreggjata taghha. Ghalhekk ftit ghandha rilevanza l-kwistjoni jekk l-attur kienx miexi jew stazzjonarju fil-hin tal-incident: imkien ma gie allegat li l-attur kien miexi (jekk tabilhaqq kien miexi) bi speed eccedenti l-limitu massimu, jew inkella bi speed inkonsult tenut kont tal-lokalita'.

Kwantu ghad-danni, dawn ma gewx ikkontestati waqt is-smiegh tal-kawza. Ghalhekk qeghdin jigu accettati anke ghaliex dawn huma sopportati mid-dokumenti esibiti mill-attur.

Ghal dawn il-motivi;

Jaqta' u jiddeciedi billi jirritjeni li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-kollizjoni u konsegwentement jilqa' d-domanda kif dedotta fl-avviz tat-

talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ LM446.23 in linea ta’ danni.

Bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja u tal-ittri ufficjali msemmija fl-avviz tat-talba a kariku tal-konvenuta.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M’Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur